



Brussell, 21 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8857/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0199(COD)

CODEC 712
CADREFIN 248
RELEX 441
COH 4

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fid-29 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 178, 209(1), 212(2) u 349 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Marzu 2019⁴.

¹ 9536/18 + ADD 1

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 116–123

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 137–164

⁴ 7716/19

5. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi.
6. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) ikkonferma l-qbil proviżorju u sussegwentement il-president tiegħu baġat ittra lill-president tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 5488/21, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 5488/21 ADD 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.
8. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454⁵, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir ebda laqgħa tal-Kunsill qabel id-29 ta' Mejju 2021.

⁵ Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċizzjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16)